MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru 195/2001

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Darren Tonna ta’ 26 sena bin Anthony u Antoinette nee Cassar imwieled Pieta’ fit-8 ta’ Jannar 1975 u residenti 54 The Strand Sliema ID 39275 (M)

Akkużat talli f’dan il-Gżejjer fit-28 ta’ Marzu 1997 u f’dawn l-aħħar tliet xhur qabel din id-data

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liżenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinex b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti

msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta);

b) Ukoll talli f’dawn il-Gżejjer fit-28 ta’ Marzu 1997 u f’dawn l-aħħar tliet xhur qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) ta’ l-Avviż Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza tal-Professjonji Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 16 ta’ l-Att V ta’ l-1985 kif emendat

kif ukoll talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi kkonsenja mediċina ristretta u psikotropika (Ecstasy) lil xi persuna oħra li ma kienx spiżjar diliġenti jew ma kienx xort’oħra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tiegħu dik il-mediċina bi ksur tar-regolament 10(2) ta’ l-Avviż Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement emendat u l-artikoli 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijet li għandhom x’jaqsmu magħha (Kap 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Att V ta’ l-1985 kif emendat.

Rat l-Ordni ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dan il-każ jinstema’ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali; iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat li jġib in-numru 392 tas-sena 1975; il-fedina penali ta’ l-imputat u dan a fol 5 u 6; il-proces verbal li jinsab a fol 21 u li għandu t-titolu ‘Sejba ta’ ammont ta’ droga fil-karozza numru B – 0937 ta’ l-għamla WV Golf ta’ kulur iswed fit-28 ta’ Marzu 1997’ liema proces verbal kien redatt mill-Maġistrat Dr. Paul Coppini; id-dikjarazzjoni magħmula a fol 23 li ma kienx hemm għalfejn jerġgħu jinstemgħu ix-xhieda li kienu diġa’ ġew reġistrati quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta; ir-relazzjoni redatta mill-Ispiżjar Mario Mifsud a fol 37 et; ir-relazzjoni redatta minn PC 166 Marlon Debattista u PC 1261 Pace li kienu scene of the

crime officers a fol 98 et;  stqarrija mmarkata bħala Dok NAS a fol 124.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Il-fatti fil-qosor huma dawn:

Skond PC 138 Joseph Portelli, fit-28 ta' Marzu 1997 kienu qed josservaw ġewwa Marsalforn meta lemħu Golf VW ta' kulur iswed bin-numru tar-reġistrazzjoni O – 0937 li kien qed isuqha ċertu Mark Gerada.  Fuq Mark Gerada ma sabu xejn pero fid-dashboard wara l-isteering kienu sabu borża b'numru ta' pilloli suspsettati extacy bl-ammont kien ta' 25.

Imbgħad marru fil-flat illi kien kera dan Mark Gerada u għamlu tfittxija fil-kamra tiegħu.  Il-bieb kien ġie llevat u t-tieqa tax-xaft kienet miksura għal ġol-kamra. Sa dan it-tant PC 1218 u PC 1 għamlu tfittxija fil-ġnien ta' taħt il-farmhouse fejn sabu biċċa foil li kien fiha xi 47 qartas bi trab abjad.  Barra dan kien hemm 64 pillola suspettati extacy u 16-il LSD li kienu bil-marka fuqhom.  Fil-kontro eżami dan ix-xhud qal li fil-fatt kien hemm xi 12-il ruħ oħra u l-bieb tal-kamra ta' dan Ġerada kien imsakkar.

Xehed PC 1 Reuben Mifsud illi qal fuq it-twaqqif tal-karozza u qal illi taħt l-isteering PC 138 kien sab borża b'ammont ta' pilloli suspettati extacy.  Kienu arrestati Mark Gerada u l-imputat Darren Tonna.  Imbgħad kienu marru ġewwa l-appartament fis-Sannat u fuq fejn kienu jorqdu l-imputati kienu skoprew li kien hemm tieqa imkissra. Hawn hekk PC 1 Reuben Mifsud qal li kien jorqod Mark Gerada. Il-Qorti kif kienet preseduta qaltlu mela mhux Darren Tonna.  Din il-kamra kienet imsakkra u kien hemm tieqa b'xaft li jinfed għall-istess kamra u t-tieqa kienet imkissra.  Kienu daħlu mill-istess tieqa u fetħu l-bieb.

Fil-kamra sabu xi affarijiet relatati bħal citric acid u xi lumi. Tieqa oħra kienet tagħti għall-ġnien u ġiehom suspett. Niżel dan ix-xhud flimkien ma' PC 1281 u sabu pakkett li

kien fih diversi tipi ta' droga. Ix-xhud semma LSD, xi qratas b'kontenut ta' trab abjad fihom u kien hemm xi pilloli oħra suspettati extacy. Fil-kontro eżami dan kkonferma li kien hemm diversi żgħażagħ joqgħodu fil-villa. Huwa qal ukoll li meta daħlu fil-kamra fejn kien jorqod Mark Gerada ma kienu sabu lil ħadd. Mark Gerada kien magħhom preżenti (fol 13). Kien hemm diffikulta' biex tinfetaħ il-kamra għax ma kinitx instabet iċ-ċavetta.

Xehed ukoll PC 579 Antoine Micallef illi semma li kienu waqqfu il-karozza Golf gewwa Marsalforn u instabu xi pilloli suspettati extacy. Kienu daħlu imbgħad fil-kamra tas-sodda fejn kien jorqod Mark Gerada u kienu sabu xi affarijiet relatati mad-droga. Imbgħad PC 1 niżel fuq wara tal-villa u eleva foil fejn instab ammont sostanzjali ta' droga.

L-ispettur illum Supretendent Neville Aquilina qal li huma kienu jafu b'xi parties li kienu ser isiru ġewwa Għawdex. U kien infurmat li kienu għamlu tfittxija fuq post fejn instabet xi droga. Huwa semma extacy pills, kokaina kif wkoll xi LSD. Fejn instabet id-droga kienet qisha f'xi għalqa u xi post qisu mitluq. L-imputat Darren Tonna kien niżel magħhom Malta u rrilaxxja stqarrija u skond l-ispettur dan kien xehed bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. L-imputat kien qalilhom li kien jabbuża minn xi extacy. Darren Tonna kien qal li kien sabha f'xi ħajt f'xi għalqa u li hu ma kellux intenzjoni li jbiegħ minnha.

L-ispettur qal li kien kellmu diversi żgħażagħ li bicciet minnhom kienu qalu li xtraw xi extacy pills mingħand l-istess Darren Tonna (fol 17). Fil-kontro eżami qal li dawn iż-żgħażagħ kienu joqgħodu ġo l-istess post ġewwa Għawdex.

Fil-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini, mill-ħatra ta' l-esperti, jiġifieri l-ispiżjar Mario Mifsud bħala espert forensiku u PC 166 M Debattista u PC 1261 C Pace bħala scene of the crime officers, fl-istess proces verbal hemm ix-xhieda ġuramentata ta' Edward Magro ta' 19-il sena. F'din l-istqarrija ir-referenzi huma għall-imputat

l-ieħor li huwa Mark Gerada u kif dan Mark skond dan ix-xhud kien pprovdieh b'xi tip ta' droga.

Xehed ukoll l-ispettur Sandro Gatt (fol 25) li qal li kienu għamlu sejba ta' droga, fosthom 47 qartas kokaina u 66 extacy u 16-il LSD ġewwa post Għawdex fejn kienu qed joqgħodu ħafna żgħażagħ. Fosthom kien hemm l-imputat Darren Tonna. Wieħed miż-żgħażagħ, ċertu Andre Genovese qal li Darren Tonna kien sejjer ibiegħ xi droga extacy (fol 26). Dan l-istess żgħażugħ qal li ma kienx jaf fejn kien qed iżomm id-droga Darren Tonna.

Kien hemm xhud ieħor Elaine Azzopardi illi qaltlu illi Mark Gerada u l-imputat Darren Tonna kellhom suspetti li xi ħadd kien ħadilhom xi droga li kienet moħbija fil-kamra fejn kienu reqdin. Din l-istess xhud kienet qalet lill-ispettur Sandro Gatt illi Darren Tonna kien żamm l-extacy f'idejh sakemm kien qed isir is-sewqan (fol 27).

Xehed ukoll l-ispiżjar Mario Mifsud li kien imqabbad fl-inkjesta biex jagħmel l-analiżi u huwa qal illi fis-47 qartas li kienu fl-esebit 97 ASN 301 illi kienu qegħdin f'borza tal-plastic trasparenti li fuqha kellha miktub li l-esebiti kien ġej mill-Villa Dar tal-Menziza Sannat. Kien hemm 47 qartas illi kienu posittivi għall-presenza ta' kokaina, l-ammont nett totali kien ta' 10.907 coke (fol 52).

Hu qal li kien hemm pilloli fid-dokumenti 97 ASN 305, 306, 307, 316 u 317 f'ammont ta' 89 pillola u magħhom kien hemm pillola imfarrka u żewġ biċċiet ta' pillola li kienu juru presenza għall-extacy.

Skond l-istess rapport, kienet instabet ukoll is-sustanza LSD fis-16-il kartuna zgħira bil-logo tad-Duffy Duck li kien hemm fid-dokument 97 ASN 305.

Hemm l-istqarrija ta' l-imputat Darren Tonna magħmula fid-29 ta' Marzu 1997. Dak iż-żmien huwa kien qed jirreġistra għax-xogħol. Huwa qal li fil-jum ta' qabel il-pulizija kienu għamlu tfittxija fil-karozza ta' Mark Gerada. Il-pulizija sabu il-pilloli extacy. Huwa qal li d-droga li sabu fil-karozza ta' Mark Gerada kienet tiegħu u kienet ilha

għandu madwar xahar (fol 90). Huwa qal li xi xahar qabel kien ra tliet persuni jaħbu xi ħaġa f'Tigne u wara mar jara x'kienet. Meta fittex kien sab 30 pillola extacy u ħadhom id-dar. Hu ried jipprova jieħu xi extacy iżda wara ddeċieda li ma jieħux għax beża'. Il-Ħamis ta' qabel kien tella' dawn l-extacy pills miegħu u ħalliehom fil-farmhouse fejn kien qed joqgħod. Huwa kien ħa dawn l-extacy pills miegħu Marsalforn u kif kien fil-karozza ta' Mark Gerada kien qal lil Mark li kellu dawn l-extacy pills u kien qallu biex iżommhomlu. Huwa kien ta dawn l-extacy pills lil Mark Gerada u dan ħbiehom fil-karozza tiegħu. Id-droga li kellu l-imputat, skond l-imputat stess, kienet fl-istess kexxun fejn kien hemm id-droga l-oħra, jiġifieri cocaine u l-extacy. Iżda dawn ma kienux tiegħu. Hu żied jgħid ukoll li fil-kamra ta' fejn kien l-imputat, Mark, Lorianne, tfajla oħra u Andre' kien hemm iktar droga li kienet kokaina u extacy pills. Hawn hekk l-imputat kkoreġa ruħu u qal li f'Tigne mhux 30 kien sab extacy izda kien sab ammont ikbar. Reġa qal li kien tella' dawn il-pilloli miegħi Għawdex. Biss hu baqa' jgħid li l-extacy pills li kien hemm fil-karozza u fil-farmhouse kienu kollha tiegħu. Iżda l-qratas tal-cocaine kienu ta' Mark Gerada. Dawn il-qratas kienu fil-kexxun fejn kellu l-extacy l-imputat u dawn kienu ta' kulur abjad. Rigward it-trips, jigifieri l-LSD, dawn ma kienux tiegħu. Meta kien mistoqsi mill-pulizija għal kien tella' 91 extacy pills miegħu Għawdex, huwa qal li dawn tellagħhom biex jippruvahom biss. Huma kienu imgeżwrin fi stretch and seal. Mistoqsi jekk qattx kien abbuza minn din id-droga, l-imputat qal li minn dik id-droga qatt ma ha għax hu qatt ma ħa l-ebda tip ta' droga. Iżda meta kien l-Ingilterra ġieli ħa xi extacy pills iżda f'Malta qatt ma ħa (fol 91).

PC 1261 Charles Pace kkonferma li hu kien inkarigat biex jieħu xi ritratti li kellhom x'jaqsmu ma dan il-każ. Hawn kien qed jirreferi għar-ritratti illi kienu esebiti fil-proċess 'Pulizija vs Mark Gerada' u l-prosekuzzjoni talbet li ssir fotokopja ta' dawn ir-ritratti u li jkunu inklużi f'dan il-proċess.

Xehed ukoll Andre Genovese illi għaraf lill-imputat Darren Tonna. Dan ftakar li kienu ġew il-pulizija mal-karozza u ordnawlhom biex joħorġu. Il-pulizija kienu sabu xi ħaġa

għax arrestawhom iżda dan ix-xhud ma kienx jaf x'sabu. Ix-xhud qal li hu kien ħa ftit kokaina li kienet qegħda fil-villa u kien ha ftit minnha mingħajr ma kien ħallas lil ħadd u ħadd ma talbu flus. Hu qal ukoll li hadd ma kien tahielu.

Hawn il-prosekuzzjoni qratlu l-istqarrija li kien għamel dan l-individwu fid-29 ta' Marzu 1997 (fol 116). Minn din l-istqarrija joħroġ illi dan ix-xhud kien jaf illi Mark Gerada kellu d-droga fil-villa u li din kienet kokaina. Huwa ma kienx jaf illi Mark Gerada kien daqshekk involut fit-traffikar tad-droga (fol 116 u fol 124). Fl-istqarrija kien qal li Darren kellu ammont ta' extacy meta ħarġu minn ġol-villa.

Ix-xhud qal li ma kienx jiftakar li qal dak il-kliem għax kien fi stat ta' biża meta għamel l-istatement. Iżda hawn hekk il-prosekuzzjoni staqsietu jekk quddiem il-Qorti kienx qed jibża' u dan ix-xhud qal li lanqas xejn (fol 118). Imbgħad qal li kien qed jara kontradizzjoni għaliex l-ewwel qal li ma kienx jaf illi Mark Gerada kien involut fit-traffikar tad-droga u imbgħad qal li semgħu jiddilja. Hawn, a fol 119, dan ix-xhud qal li ma kienx semgħu jiddilja. Forsi kien qed jiftiehem biex jiltaqa' ma xi ħadd. Dan ix-xhud qatt ma sema' lil Mark Gerada jiddilja.

Fuq l-imputat Darren Tonna hu qal li fl-istatement kien qal 'Darren kien sejjer sabiex ibiegħ id-droga' iżda x-xhud qal li forsi dik kienet xi ħaġa li ħasibha hu u mhux li kien ċert minnha. Kienu jafu li sejrin Marsalforn. Kien jaf li hemm droga għaliex inqabdu biha. Huwa kkonferma pero li meta ħarġu mill-villa, Darren ukoll kellu ammont ta' extacy. Ix-xhud qal illi la Mark Gerada u lanqas Darren Tonna ma kienu biegħulu xi droga u lanqas rahom ibiegħu lil ħaddiehor.

Huwa jiftakar li kien ra d-droga fil-villa u dwar l-ammont ma kienx jaf għax hu lil Darren Tonna dak inhar kienet l-ewwel darba illi rah. Fil-villa kien ra d-droga kokaina. Fil-villa kien hemm numru ta' nies, 10 jew 12 jew 15 (fol 123).

**Pussess ta' kokaina**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-pussess ta’ kokaina, il-Qorti, wara li eżaminat ix-xhieda li ppreżentat il-Prosekuzzjoni ma ssibx li din l-imputazzjoni kienet ippruvata. L-imputat ċaħad li l-kokaina kienet tiegħu

**Pussess sempliċi ta’ Ecstasy**

Dwar l-imputazzjoni ta’ pussess ta’ droga, il-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ippruvat tali pussess da parti ta’ l-imputat minħabba (i) dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija tiegħu; (ii) il-prova forensika.

(i) Mill-istqarrija li ta l-imputat stess, jirriżulta li d-droga misjuba fil-karozza li kien qed isuq Mark Gerada ġewwa Marsalforn – jiġifieri l-Golf Volkswagen ta’ kulur iswed 0-0937 – kienet ta’ l-imputat innifsu. Dan stqarru hu stess meta qal li kien ‘sab’ madwar 30 pillola ecstasy li ddeċieda li jtella’ miegħu ġewwa l-farmhouse fejn kien qed joqgħod ġewwa Għawdex. L-imputat stess stqarr li kien ħalla dawn il-pilloli fil-farmhouse.

L-imputat imbagħad ikkoreġa l-figura ta’ tletin li kien ta u qal li fil-fatt kien sab numru akbar ta’ ecstasy **u kien tellagħhom kollha miegħu ġewwa Għawdex**.

**Huwa tenna li l-ecstasy pills li kien hemm fil-karozza u ġol-farmhouse kienu kollha tiegħu. (Fol.91).**

**Il-qratas tal-kokaina u t-Trips kienu ta’ persuna oħra.**

**L-imputat stqarr li kien tella’ 91 pillola ġewwa Għawdex biex jippruvahom biss.**

**Huwa qal ukoll li qatt ma kien ħa droga f’Malta għalkemm fl-Ingilterra ġieli ħa.**

(ii) Mill-prova forensika jirriżulta ampjament li s-sustanza misjuba fil-karozza msemmija u fil-villa fejn saret it-tfittxija kienet ecstasy. (Ara fol.48).

Isegwi li kient ippruvata dik il-parti tat-tieni imputazzjoni (l-ewwel parti) fejn l-imputat kien akkużat b'pussess sempliċi ta' ecstasy.

**Konsenja ta' ecstasy.**

Il-Prosekuzzjoni ppreżentat il-Proces-Verbal fejn hemm stqarrija ġuramentata ta' ċertu Edward Magro li ma fihiex referenza għal xi bejgħ ta' droga da parti ta' l-imputat lil din il-persuna. Tissemma persuna oħra iżda mhux l-imputat.

Kienet ippreżentata wkoll stqarrija magħmula minn Andre Genovese **iżda din ma kenitx ġuramentata.** Tassew li f'din l-istqarrija kien hemm il-kliem

'Darren kien sejjer sabiex ibiegħ id-droga ecstasy.'

Biss din l-istqarrija tista' tintuża biex tirregola dak li qal dan ix-xhud iżda ma tagħmilx prova kontra l-imputat u dan ai fini ta' l-artikolu 661 tal-Kap 9.

Meta xehed Andre Genevose huwa kkoreġha l-istqarrija (fol.118 u fol.119) u, safejn jirrigwarda l-imputat, huwa qal li l-parti fejn hu (Andre Genevose) kien qal : 'Darren kien sejjer sabiex ibigħ id-droga ecstasy' ma kienx jaf għalfejn kien qal hekk issa jew aasumiex li kien ftiehem ma' xi ħadd.' Huwa kompla jgħid li

'forsi li jiena ħsibt li ser jagħmel mhux li jiena kont ċert.'

Hawn kompla żied jgħid li kien jaf li kienu sejrin Marsalforn u kien jaf li kein hemm droga għalix inqabdu biha u dik forsi kienet xi ħaġa li ħaseb hu dak il-ħin. (Fol. 119).

Lil dan ix-xhud il-Qorti ma temmnux. Dan deherlu li għandu jħalli l-istess verżjoni fejn ma setax jaħrab mill-fatti – jiġifieri li (a) l-imputat kien sejjer Marsalforn; (b) li fil-karozza kien hemm l-ecstasy. Dan ma setax jaħrab minnhom minħabba li l-Pulizija kienu qabdu d-droga u dan sar waqt li l-imputat kien Malrsalforn.

Imbagħad dan ix-xhud ried jirtokka fejn deherlu li kienet impressjoni tiegħu biss meta aktar ‘l isfel fl-istess stqarrija x-xhud kien stqarr; ‘Dan sar (jiġifieri s-sewqan fid-direzzjoni ta’ Marsalforn) wara li Darren kien irċieva telefonata bil-mobile.’

Dan ix-xhud, mhux ma setax jiftakar, iżda **bil-ġurament** dawwar dak li kien stqarr.

Iżda, meta l-Qorti kkonsidrat il-fatti kollha u kkonsidrat li din ix-xhieda ma kenitx waħda ġuramentata, il-Qorti ssib li jonqos xi ftit biex il-Prosekuzzjoni tkun ippruvat it-tieni parti tat-tieni imputazzjoni jiġifieri dik ta’ konsenja ta’ ecstasy.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll jekk meta l-imputazzjoni tkun waħda ta’ konsenja ta’ droga, tistax minflok issib lill-imputat ħati ta’ pussess aggravat. Dwar dan il-punt il-Qorti qed tirreferi għall-każ: ‘Il-Pulizija (Supretendent Heil Harrison) versus Keith Stagno Navarro tas-27 t’April 2006. Appell Kriminali 9/2006, Qorti ta’ l-Appell Kriminali preseduta mill-Onor.Imħallef Dr. Joseph Galea Debono fejn intqal hekk:

‘Il-Qorti ma tistax issib ħtija ta’ traffikar tas-sustanza kokaina għax il-Prosekuzzjoni ma akkużatux bi traffikar imma biss b’pussess aggravat, li għalkemm iġib l-istess piena, skond l-artikolu 22(2)(b)(i) hu reat għal kollox differenti li joħroġ minn artikoli differenti tal-liġi kif fuq intqal.’

**Minn dan l-insenjament jirriżulta li l-pussess aggravat ma jkoprix it-traffikar. Għall- istess raġunijiet miġjuba mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, din il-Qorti ma jidhrilhiex li t-traffikar għandu fih kompriż u involut il-pussess aggravat.**

Għalhekk, ġaladarba ma ngħatat ebda imputazzjoni ta’ pussess aggravat kontra l-imputat, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel parti biss tat-tieni imputazzjoni, jiġifieri ta’ pussess sempliċi (iżda serju) ta’ ecstasy u qed

tilliberah mit-tieni imputazzjoni, jiġifieri minn dik il-parti ta' l-imputazzjoni li fiha kien akkużat li ttraffika l-ecstasy.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2) (b)(i)(ii) tal-Kap 101, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, ir-regolament 3(1) ta' l-Avviż Legali 22 ta' l-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A (1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(1B) u t-Tielet Skeda tal-Kap 31[1] qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni kif ukoll mit-tieni parti ta-tieni imputazzjoni iżda qed issibu ħati ta' l-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni fejn kien akkużat b'pussess sempliċi tad-droga ecstasy.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-ammont ta' ecstasy li l-imputat kien qed iġorr miegħu lejn Għawdex kien għoli u għalhekk qed issegwi l-passi li ħadet il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fejn sabet ħtija ta' pussess sempliċi ( Ara: per eżempju, 'Il-Pulizija versus Carmel Spiteri' tat-2 ta' Settembru, 1999 Imħallef Onor.Vincent de Gaetano) u għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' ħames xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' 600 (sitt mitt ) Ewro liema multa tista' tiħallas bir-rata ta' 60 Ewro kull xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewro li ma jitħallsux.

Stante li l-inkjesta saret qabel 16 ta' Jannar 2006, il-Qorti mhix tikkundanna lill-imputat iħallas xi spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9.

F'dan l-istadju, il-Prosekuzzjoni għandha tiddikjara l-pożizzjoni tagħha dwar id-droga.

[1] Jissemmew aktar artikoli mill-Prosekuzzjoni li dwarhom diġa'daħlet a fondo il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Karl Borg' tat-30 ta' Ġunju 2005 (L-Onor.Imħallef Dr.David Scicluna. Ir-referenza għall-Att V ta' l-1985 m'hemm ebda ħtieġa tagħha u l-artikolu 10(2) stante li hawn si tratta ta' mediċina ristretta (u mhux speċifikata) ma japplikax.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------